11 ta' Ottubru, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Nicola Ciappara *versus* Nicola Zammit

## Ritrattazzjoni — Proċedura — Nullità — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 814 tal-Proċedura Ċivili

*Ma jistax ikun hemm lok għar-ritrattazzjoni ta' kawża qabel ma jkun hemm ir-revoka tas-sentenza li biha l-ġudizzju kien definit; għax dik is-sentenza, sakemm ma tiġix annullata, hija ta' ostakolu għar-rieżami tal-kawża, u l-eżiġenzi proċesswali f'materja ta' ritrattazzjoni għandhom jiġu, u dejjem ġew, strettament interpretati, u l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' stadju li, għalkemm indispensabbli, ma jinsabx fid-domanda.*

*Għaldaqstant, jekk tiġi mitluba biss ir-ritrattazzjoni, u mhux ukoll ir-revoka tas-sentenza mpunjata, il-proċediment istitwit għar-ritrattazzjoni huwa irritu u null, u jkun hemm lok għal-liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti;— **Rat** il-libell fejn l-attur issottometta (1) illi b'deċiżjoni ta' dina l-Qorti tas-27 ta' Ġunju 1952 il-konvenut ottjena ġudikat kontra l-attur, li bih l-istess konvenut ġie kanonizzat kreditur ta' l-attur fis-somma ta' £87, bl-ispejjeż tal-mandat ta' qbid ......... (4) illi għaldaqstant il-konvenut ġie ottjena l-ġudikat b'qerq, billi .........; u talab, bis-saħħa ta' l-art. 814(a) Titolu IV, Kap. 15 tal-Liġijiet Riveduti ta' Malta, illi, peress li l-konvenut ottjena ġudikat b'qerq u b'dannu ta' l-attur ......... illi dina l-Qorti, previja kull dikjarazzjoni meħtieġa, billi s-sentenza ċitata ittieħdet b'qerq, tordna s-smiegħ mill-ġdid tal-kawża "Nicola Zammit vs. Nicola Ciappara", minnha deċiża fis-27 ta' Ġunju 1952, u tilqa' t-talba ta' l-attur li hu ma għandux jagħti lill-konvenut is-somma mitluba; u b'hekk tiġi amministrata ġustizzja. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi, kif osservat dina l-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Diċembru 1915 fil-kawża "Harrison ne. vs. Zammit" (Kollez. Vol. XXII, parte II, pag. 235-242), "il giudizio di ritrattazione ha un duplice oggetto: quello di far annullare una sentenza passata tra le parti in giudicato; e l'altro di riaprire la trattazione della causa e provocare un'altra sentenza. E si compone di due stadi distinti, da non confondersi l'uno coll'altro, detti dai pratici il 'rescindente' e il 'rescissorio'. La legge, articolo 828 (il-lum art. 814) Procedura Civile, enumerando i motivi che danno luogo alla ritrattazione, stabilisce che una causa può essere, per qualcuno di quei motivi, ritrattata, previa la revoca di quella sentenza; cioè essa vuole che si giudichi prima dell'ammissibiltà della domanda di revocazione e poscia del merito. E ciò per l'ovvia ragione che a tale ultimo esame non si po-

trebbe far luogo prima che venga tolto l'ostacolo della cosa giudicata";

Illi fil-libell odjern ma hemmx it-talba tar-revoka tas-sentenza *impunjata*, jigifieri t-talba biex tiġi mħassra dik is-sentenza, imma biss it-talba tar-ritrattazzjoni. Inveru, it-talba fil-libell tal-lum hija "li dina l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa, peress li s-sentenza fuq ċitata ttieħdet b'qerq, tordna s-smiegħ mill-ġdid tal-kawża "Nicola Zammit vs. Nicola Ciappara" deċiża minnha fis-27 ta' Ġunju tas-sena 1952, u tilqa' t-talba tal-libellant li ma għandux jagħti lill-libellat is-somma mitluba, u illi b'hekk tiġi ammi-nistrata ġustizzja. Bl-ispejjeż kontra l-libellant". Fid-domanda ma ġiex kompriż dak l-istadju hekk imsejjaħ "*in rescindente*", li huwa separat u distint minn dak "in rescissorio", u, kif ġie osservat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina ta' l-24 ta' Jannar 1935, in "Lanzon vs Lanzon" (Kollez. Vol. XXIX, parte II, paġ. 281-284), hu indispensabbilment preliminari *għalih*; u għal-hekk il-liġi, fid-dispożizzjoni fuq imsemmija, tgħid "previa la revoca di quella sentenza" ("wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza" — kliem użati fit-test malti tal-lum);

Minn dina d-dispożizzjoni letterali ta' l-art. 814 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għandu jiġi deżunt li ma jistax ikun hemm lok għar-ritrattazzjoni tal-ġudizzju, jekk qabel ma jkunx hemm ir-revoka tas-sentenza li biha l-ġudizzju kien definit; għar-raġuni illi dina s-sentenza, sakemm ma tiġix annullata, hija ta' ostakolu għar-rieżami tal-kawża (App. sed. Inferjuri "Said vs. Arcicovich" — Kollez. Vol. XX, parte I, paġ. 241);

Illi l-eżiġenzi precedurali f'materja ta' ritrattazzjoni għandhom jiġu, u dejjem ġew, strettament *interpretati*; u l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' stadju li, għalkemm indispensabbli, ma jinsabx fid-domanda; u f'każ bħal dan, fejn ġiet mitluba biss ir-ritrattazzjoni u mhux anki r-revoka, ġie *ritenut illi l-proċediment hu null* (P. A. "*Micallef* vs. Vella", Vol. XXI, parte II, paġ. 117; u "Lanzon vs. Lanzon", Vol. XXIX, parte II, paġ. 281);

Għaldaqstant tiddeċidi billi tiddikjara irritu u null il-proċediment istitwit għar-ritrattazzjoni, promoss mill-attur; u konsegwentement tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.

---